# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 668/15MH**

**Illum 6 ta' Mejju, 2016**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru: 393/13**

**Steven u Anita konjuġi Pace**

**Kontra**

**Paul Said, Paul Camilleri, Michael Micallef u Ivan Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Ivan Farrugia (detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru: 201272 (M)) prezentat fid-9 ta' Lulju 2015, fejn gie premess:

*1. "Introduzzjoni*

1.1. *Dan huwa rikors illi permezz tiegħu l-esponenti Ivan Farrugia ser jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka u t-tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq imsemmi in kwantu maħruġ fil-konfront tiegħu mis-sekwestranti Steven u Anita konjuġi Pace kif ukoll l-impożizzjoni fuqhom ta' penali u dana għar-raġunijiet illi ser jiġu spjegati hawn aktar 'il quddiem;*

1.2. *Bħala retroxena jingħad illi s-sekwestranti Steven u Anita konjuġi Pace talbu u kisbu l-ħruġ kontra l-esponenti (u oħrajn) nhar il-15 ta' Marzu, 2013 tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni dwar allegat kreditu ta' sebgħin elf Euro (€70,000) fuq il-kawżali ta' rifużjoni ta' ammont li s-sekwestranti u dan in konsegwenza ta' frodi ipperpetrat mis-sekwestrati flimkien u in solidum bejniethom meta b'messa in xena ikkonvinċu lis-sekwestranti biex jinvestu f'proprjetà immobiljarja li suppost kellha tiġi mixtrija mis-soċjeta Valletta Glass s.r.l. soċjeta' allegatament reġistrata ir-Rumanija, u li fiha allegatament, is-sekwestrati jew min minnhom kienu azzjonisti. Il-mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil seba' (7) sekwestratarji, lkoll kemm huma banek kummerċjali;*

1.3. *Il-pretensjoni tas-sekwestranti fil-mertu ġiet dedotta permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru: 3573/2013 fl-ismijiet Steven Pace et v. Valletta Glass s.r.l. et;*

1.4. *L-esponenti dejjem sostna illi huwa ma għandux x'jaqsam u ma huwiex kuntradittur leġittimu għat-talbiet attriċi billi n-negozju ġuridiku kien sar unikament u esklussivament bejn l-atturi u l-kumpannija estera Valletta Glass s.r.l. In vista ta' dan, meta nbdew il-proċeduri arbitrali, l-esponenti u l-intimati l-oħra fil-kwalità personali tagħhom qajmu l-eċċezzjoni*

*preliminari ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni li l-każ jinstema' permezz ta' arbitraġġ għaliex huma ma kenux firmatarji tal-ftehim li fuqu ġew radikati l-proċeduri arbitrali;*

1.5. *Nhar it-28 ta' Mejju, 2015 ingħata lodo preliminari mit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ illi permezz tiegħu ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-esponenti u ta' l-intimati l-oħra fil-kwalità tagħhom personali ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni bl-ispejjeż u ġie ordnat illi l-każ jitkompla biss kontra l-kumpannija estera Valletta Glass s.r.l. Kopja tal-lodo qegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "Dokument IF1";*

2. *Revoka taħt l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

2.1. *L-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhumiex aktar meħtieġa jew ġustifikabbli;*

2.2. *Fil-kuntest ta' din il-bażi legali ġie deċiż illi is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti; Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni,*

*liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ." (ara Ryan John Farrugia v. Olive Gardens Investments Limited et deċiża nhar it-3 ta' Settembru, 2012);*

2.3. *Fil-każ odjern jirriżulta illi wara illi ntalab u nkiseb il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni, ġie deċiż mit-Tribunal ta' Arbitraġġ illi ma kellux ġurisdizzjoni li jisma' l-każ proprju għaliex – kif dejjem sostna l-esponenti – huwa ma kienx firmatarju għal ftehim li huwa n-negozju ġuridiku bejn is-sekwestranti u l-kumpannija estera Valletta Glass s.r.l. Għalhekk il-bażi li fuqha inżamm fis-seħħ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern ossija l-proċeduri arbitrali ġiet nieqsa u hemm lok illi, minħabba din iċ-ċirkostanza l-ġdida, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni jiġi mħassar għal kollox. Fi kliem ieħor, fiċ-ċirkostanzi preżenti ma hemmx lok u ma huwiex raġjonevoli illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jinżamm aktar fis-seħħ;*

2.4. *Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti ser jitlob illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq imsemmi jiġi revokat;*

*3. Penali*

3.1. *Skond l-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux anqas minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, fil-każijiet hem hekk imsemmija;*

3.2. *L-artikolu 836 (8) (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi dina l-Onorabbli Qorti tista' tikkundanna l-persuna illi fuq talba tagħha jkun inħareġ att kawtelatorju għal ħlas ta' penali f'każ illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ir-rikorrent ma jkunx talab il-ħlas tad-dejn jew jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu ikun talab li tiġi ipprovduta sigurtà biżżejjed. L-esponenti ma ġie qatt interpellat kif tgħid u trid dina d-dispożizzjoni tal-liġi u kwindi l-ewwel bażi legali li fuqha l-esponenti qiegħed jitlob illi s-sekwestranti jiġu ikkundannati jħallsuh penali hija dik kontemplata fl-artikolu 836 (8) (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3.3. *L-artikolu 836 (8) (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi dina l-Onorabbli Qorti tista' tikkundanna l-persuna illi fuq talba tagħha jkun inħareġ att kawtelatorju għal ħlas ta' penali jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja. Fil-każ odjern ma jistax ikun hemm dubbju illi l-unika intenzjoni wara t-talba għal ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni kienet waħda illi issallab lill-esponenti u lill-intimati l-oħra fil-kwalità personali tagħhom u mhux għaliex verament kien hemm jew kien jeżisti xi jedd x'jiġi kawtelat. Tabilħaqq, kif irritjena t-Tribunal ta' Arbitraġġ, l-esponenti ma kienx firmatarju għall-ftehim u ma kienx parti għan-negozju ġuridiku u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni jew ġustifikazzjoni sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jintalab u jinħareġ kontra l-esponenti. Il-malizzja, frivolożità u vessatorjetà fil-ħruġ ta' l-istess mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti hija waħda li tirriżulta ictu oculi. Il-mandat intalab u inħareġ b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju u tali għemil għandu jiġi punit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Konklużjoni*

4.1. *Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:*

*(i) fl-ewwel lok, tordna illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru: 393/13 fl-ismijiet hawn fuq premessi jiġi mħassar u revokat ai termini ta' l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

*(ii) fit-tieni lok, tikkundanna lis-sekwestranti iħallsu penali lill-esponenti ta' mhux anqas minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) ai termini ta' l-artikolu 836 (8) (b) u jew (d) peress illi (i) fi żmien ħmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, is-sekwestranti ma talbux lill-esponenti iħallas xi dejn jew jipprovdi xi garanzija; u jew (ii) illi t-talba tas-sekwestranti għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni saret b'malizzja u hija frivola jew vessatorja;*

4.2. *Bl-ispejjeż kontra s-sekwestranti."*

Rat ir-risposta ta' Steven (ID444361M) u Anita Pace (ID18163M) prezentata fit-18 ta' Settembru 2015, li permezz taghha esponew:

*"Illi l-kontro mandat li talbu li jinhareg ir-rikorrenti permezz tar-rikors promotur inhareg fil-mori tal-istess proceduri u ftit zmien wara id-decizjoni*

*moghtija mic-Centru tal-Artbitragg wara illi din sabet illi il-kawza arbitrali fil-kuntratt li ta lok ghall-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg u li issa nbdew kontra l-istess persuni quddiem il-Qrati Ordinarji sab illi l-istess Camilleri u Micallef ma kienux marbutin bil-klawzola arbitrali.*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet bl-ebda mod ma jezistu r-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 836(8) li jippermettu lill-Qorti fid-diskrezzjoni taghha illi timponi l-penali msemmija fl-istess Artikolu; dana partikolarment meta t-talba ghar-radd lura tas-somma ta' €70,000 bl-imghaxijiet fuqhom li kienet il-mertu tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg u allura t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-istess Camilleri u Micallef* (***recte Ivan Farrugia***) *certament ma kienetx wahda li saret bmalizja jew li kienet frivola jew vessatorja u wisq inqas kienet sitwazzjoni fejn "ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu/taghhom u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu/taghhom li jhallas/ihallsu t-talbiet tar-rikorrent u din il-qadgha tad-debitur/I kienet maghrufa sew. Dan qed jinghad ukoll ghaliex bhala fatt meta nhareg il-mandat ta' sekwestu l-flejjes issekwestrati permezz tieghu qajla resqu lejn l-ammont li attwalment ghandhom ihallsu lill-esponenti kredituri.*

*Illi bhal kull kaz iehor li ghandu x'jaqsam ma talba ghar-revoka ta' mandat ai termini tal-Artikolu 836 il-Qorti tharres biss lejn talba simili fuq bazi tal-prima facie u m'ghandu jkun hemm ebda dubju illi prima facie jezisti d-dritt tal-esponenti li jikkawtelaw il-pretenzzjoni taghhom kontra Micallef u Camilleri u allura din il-Qorti m'ghandhiex, qed jigi sottomess tindaga hi f'dan l-istadju jekk jew le din il-pretenzzjoni hiex valida o meno billi l-kaz ghadu sub iudice.*

*Ir- raison d'etre uniku li inghata minn dawn il-Qrati lir-Registratur meta l-Qorti nghatat diskrezzjoni biex timponi penali kontra min ikun hareg mandate kawtelatorju kienet, ghadha u tibqa' sabiex hadd ma johrog mandat kawtelatorju b'kapricc jew b'malizja jew retribuzzjoni li certament fil-kaz*

*odjern ma jezistux. Tant hu hekk illi r-Registratur hallha f' ídejn il-qorti u d-diskrezzjoni taghha illi anke jekk jigi pprovat li mandat kawtelatorju jkun hareg b'malizzja jew vessatorjeta hija dejjem il-Qorti li tqis fid-diskrezzjoni taghha jekk ghandhiex jew le timponi multa u anke jekk timponiha ghadHa diskrezzjoni vastissima timponiex ewro wiehed jew sitta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom anke billi l-kontro mandat diga nhareg."*

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjonijiet. Senjatament rat ukoll illi is-smigh ta' din ir-revoka mexa mar-rikors ta' l-istess natura intavolat minn Ivan Farrugia u Michael Micallef li jgib in-numru 660/15MH. Rat illi ghalkemm fil-mori tas-smigh ta' din ir-revoka inhareg il-kontro mandat opportun mill-intimati ezekutanti, ir-rikorrenti baqa' nsistenti fuq it-tieni talba tieghu ta' mposizzjoni ta' penali taht l-artikolu 836 (8 )(b) u jew (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkonsidrat:**

Illi ghalhekk din il-konsiderazzjoni se tkun limitata biss fuq it-tieni talba u cioe' fuq l-imposizzjoni ta' penali fuq ir-rikorrenti ezekutanti taht zewg branki, flimkien jew alternativi, ta' l-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-kap 12.

Is-sub inciz (b) jahseb ghal imposizzjoni ta' penali jekk jirrizulta illi fi zmien hmistax qabel il-hrug ta' l-att kawtelatorju, ir-rikorrenti ma jkunx talab il-hlas tad-dejn u jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu ikun talab li jigi provdut b'sigurta bizzejjed. Mentri s-sub inciz (d) jikkontempla ragunijiet fejn penali

tista' tigi ikkundannata jekk l-att kawtelatorju nhareg b'malizja, huwa frivolu jew vessatorju mentri is-sub inciz .

**Ikkonsidrat**

GHANDU jinghad illi l-ewwel difiza mqajjma mil-abbli avukat tal-intimati ezekutanti hija dwar il-livell ta' prova li trid taghmel hawn il-Qorti n ezami tat-talbiet mressqa ghal konsiderazzjoni taghha f-atti kawtelatorji. Tant li sahhah Dr.Grima li fl-evetwalita' li tigi mposta penali fuq il-vittmi ezekutanti, (fit-tezi tieghu vittmi ta' frodi u misappropjazzjoni), allura din il-Qorti tkun qed tuzurpa il-funzjoni tal-Prim'Awla u tkun qed tippronunzzja ruhha fuq il-mertu billi taghti tort lil ezekutanti.

Fil-fatt minhabba tali difiza mressqa saret referenza ampja fuq il-livell ta' prova li l-Qorti trid tasal ghalih f'dan l-istadju; 'l hekk imsejjah prima *facie.*

Illi isegwi lli jekk fil-hrug ta' l-att kawtelatorju innifsu il-Qorti tasal biex tivvaluta l-provi mressqa sal grad tal-*prima facie*, allura dan il-livell *multo magis* huwa necessarju u rikjest f'talbiet ta' revoka u ohrajn maghha relatati, tant li l-ligi fl-artikolu 836(1) titkellem fuq *ragunijiet* biex it-talba ghar-revoka tirnexxi.

Ghalhekk u dwar dan fil-kawza fl-ismijiet **Hawkins James vs Seasus Limited deciza 08.10.15 P.A. inghad** hekk:

*"Illi kif irriteniet tant tajjeb dina l-Qorti ppreseduta mill-imħallef sedenti fis-sentenza* ***GO p.l.c. vs Natalino Zammit I.D. 104262M*** *tat-28 ta' Jannar, 2015: "Tqis illi dak illi trid taċċerta ruħha minnu l-Qorti permezz ta' din il-proċedura preliminari huwa jekk il-pretensjoni tas-sekwestranta hijiex prima facie ġustifikata jew le. Din hija proċedura preliminari fejn il-Qorti ma tistax tidħol*

*fil-mertu f'dan l-istadju, imma trid tillimita ruħha għal eżami prima facie għaliex il-mertu kollu jiġi trattat u deċiż fil-kawża bejn il-partijiet li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.*

*Illi f'dan ir-rigward tagħmel riferiment għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju, 2005 fejn qalet li ġej:*

*"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu, jew le, tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru";*

*Illi l-istess sentenza sopraċitata tikkwota wkoll li fid-digriet fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et*** *tal-10 ta' Mejju, 2001, per Onor. Imħallef Dr R.C. Pace, u* ***Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et*** *tad-29 ta' Novembru, 2001, per Onor Imħallef Dr R.C. Pace, jingħad:*
*"li mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan*

*tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja"*

Espost dan l-insenjament din il-Qorti hija ghalhekk gwidata biex in ezami tal-talbiet odjerni taghmel  ezami sa livell biss ta' *prima facie* in kwantu ghar-*ragunijiet l*iha  imressqa fit-talba odjerna. Ghalhekk kontrarjament ghal insistenza tal-intimati ezekutanti, hija qatt ma tkun qed tippronunzja ruhha fuq il-mertu tal-vertenza pendenti bejniethom fil-kawza apposita jekk verament takkolji t-talba ghal imposizzjoni ta' penali, ghaliex tali talba ma tincidi qatt fuq il-mertu ta' dak allegatament dovut u miftiehem bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet dwar l-artikolu 836(8) sub inciz (b) u (f).**

Ir-rikorrenti ezekutat Ivan Farrugia spjega illi l-intimati konjugi Pace kienu ottjenew kontra tieghu mandat kawtelatorju fuq pretensjonijiet li gew  dedotti fi proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg fin-numru 3573/2013 fl-ismijiet Steven Pace et  vs  Valletta Glass srl et.  Qal li f'dawn il-proceduri huwa dejjem eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-konfront tieghu tal-Bord ta' l-arbitragg in kwantu qatt ma kien parti minn dak il-ftehim li rradika dik il-gurisdizzjoni

Kompla li dina l-eccezzjoni giet fil-fatt milqugha mill-arbitru fil-Lodo preliminari minnu moghti fit-28 ta' Mejju, 2015. Ghalhekk gie ordnat li l-kaz kellu jitkompla biss fil-konfront tas-socjeta' estera Valletta Glass srl.

Il-Lodo preliminari esebit mar-rikors promotur in ezami bhala Dok IF1[1] ta ragun lir-rikorrenti ezekutati. Dan il-Lodo preliminari gie deciz fit-28 ta' Mejju, 2015.

L Arbitru dwar din il-vertenza qal hekk;

*"Illi minn imkien ma jirrizulta li l-intimati l-ohra ssottomettew ghall-gurisdizjoni tal-arbitragg, jew qabblu li jmorru arbitragg. Anzi oppost qed jishqu li ma tezistix gurisdizzjoni sabiex il-kaz jistema mill-Arbitragg.*

*Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-arbitru qieghed jilqa l-eccezzjoni preliminari ta' ....Ivan Farrugia …… u jsib li ma hemmx gurisdizzjoni sabiex il-kaz kontrihom* (kontrih) *jistema permezz ta' arbitragg quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg."*.

Issa bhala fatt per se dawn ir-rizultanzi ma gewx ikkontestati mill-intimati ezekutanti, tant li wara li thallsu l-ispejjez tal-lodo u dana gie ppubblikat, ghaddew biex hargu l-appositu kontro mandat pero hasbu, kif kien dritthom li jintavolaw rikors ta' l-istess natura kawtelatorja kontra ir-rikorrenti li kellu l-pretensjonijiet tieghu dedotti issa f'rikors guramentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Pero l-lanjanza tar-rikorrenti taht dan is-sub inciz (b) in ezami hija n-nuqqas ta' interpellazzjoni ghal hlas qabel il-hrug ta' l-att kawtelatorju kif spjegat fis-sub inciz innifsu. Isostni ir-rikorrenti li dan fil-konfront tieghu ma sarx, li ghalhekk hu a sorpresa gie rinfaccat b'sekwestru kawtelatorju. Dan il-fatt jekk risultanti

[1] Folio 6

jista' jgib mieghu l-imposizzjoni ta' penali, dritt mhux assolut mholli f'idejn il-Qorti ghax fil-kelma tal-ligi wiehed fakolttativ.

It-tieni talba tar-rikorrenti taht is-sub inciz (d) hija msahha mill-fatt li skontu l-att kawtelatorju, illum revokat bis-sahha tal-kontro mandat, tant kien intiz biss biex jivvessah fuq livell personali li *ictu oculi* kien mall-ewwel jirrizulta illi ir-rikorrenti, hu ma kien qatt firmatarju tal-ftehim ta' l-arbitragg li fih giet allura dedotta t-talba li kienet issahhah l-att kawtelatorju, bil-konsegwenza li dan il-mandat kawtelatorju nhareg kontra tieghu b'abbuz tal-process gudizzjarju.

Dwar dan, cioe n-natura vessatorja tal-mandat kawtelatorju, fis-sottomissjonijiet ta' Dr W. Cuschieri gie mizjud ukoll illi ir-rikorrenti Farrugia lanqas biss kien direttur jew share holder tal-kumpanija estera, imma semplici amministratur taghha ghax kellu domicilju Rumen. Ghalhekk insista li l-intimati bil-ftuh tal-proceduri arbitrali kontra ir-rikorrenti zammewh hekk ikkrepat f'morsa ta' sekwestru, meta hu kien dejjem estraneju ghal ftehim li rradika l-gurisdizzjoni fl-arbitragg.

Aderixxa ukoll ma dak li ssottometta Dr. R.Montalto fit-trattazzjoni tar-rikors 660/2015 illi nonostante li dan il-lodo preliminari gie deciz fid-data tat-28 ta' Mejju, 2015, dan gie moghti lil partijiet biss fit-2 ta' lulju, 2015 u dana ghaliex l-intimati sekwestranti naqqsu li jhallsu lll-ispejjez ta' l-arbitragg lilhom attribwiti fil-Lodo, dan minkejja li kienu mitluba hekk jaghmlu, ukoll skontu ghax l-intimati ezekutanti indunaw lid-decizzjoni preliminari kienet wahda li kienet se tmur kontrihom.

Argumenta illi allura l-imsemmi mandat minhabba r-rizultanzi tal-Lodo preliminari gia esposti, ma kellux jinzamm aktar fis-sehh u li kien ghalhekk ukoll li kienet qed isir t-talba ghal-penali inkwantu ghaz-zmien zejjed allura li l-intimati ghazlu li jzommu dan il-mandat in vigore tenut kont tad-decizjoni preliminari.

Minn naha tieghu Dr. Grima ghal intimati ressaq id-difiza illi l-ezekutanti kienu gew defrodati u kienu vittimi ta' misappropjazzjoni, tant li kien propju l' hekk imsejjah amministratur, ir-rikorrenti Ivan Farrugia li kien ircieva minghandhom somma flus li suppost kellu jinvesti fi propjeta gewwa r-Rumanija liema somma skontu giet hekk misappropjata.

Din kienet in sustanza d-difiza tal-intimati ghal talba tal-penali mressqa. Fil-fatt id-difiza taghhom principalment hija wahda li tolqot direttament il-mertu tal-pendenza principali li allura tmur oltre l-kompetenza ta' din il-Qorti in ezami tat-talba odjerna.

Il-Qorti pero' anke in mankanza ta' certu provi, tista' f'dan l-istadju ta' *prima facie* tislet certu ragunijiet li jwassluha ghal determinazzjoni tat-talbiet imressqa.

Is-sub artikolu (b) ta' l-artikolu 836(8) jitkellem dwar nuqqas ta' interpellazzjoni ghal hlas hmistax il jum qabel ir-rikors ghal hrug tal-mandat kawtelatorju, jghid pero' li din it-talba tista' issir b'kull mod li jkun. Isegwi allura li tali talba biex tassoda dan ir-rekwizit ma tinhtiegx ebda att formali. Mera talba ghal hlas isservi biex tissodisfa tali rekwisit f' dan is-sub inciz.

Fid-decizjoni citata fl-ismijiet **Fahrenheit Freight Forwarders Co.Ltd vs Market Handle Limited** moghtija mill-Imhallef Micallef fit-23 ta' Dicembru, 2011 intqal

*"Illi dwar it-tieni ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan ta' l-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex ma iżomm dak il- Mandat fis-seħħ;*
*Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun ta' bilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali, u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata wriet li, qabel ma l-eżekutanti ħarġet kontriha l-Mandat attakkat, ma kienet saret l-ebda talba mill-eżekutanti għal-likwidazzjoni jew il-ħlas tad-danni."*

Dan l-istess principju gie ripetut mill-istess Qorti kif preseduta fil-provediment moghti fl-ismijiet **Jamar Malta Limited vs Office Group Limited** deciza fl-10 ta' Awwissu, 2012.

Dwar din il-lanjanza mressqa, l-intimati ma ressqu ebda difiza ghajr li sehhet glieda bejn il-partijiet f'ufficcju ta' avukat. Pero ma gietx imressqa ghal konsiderazzjoni ta' din il-qorti li l-intimati b'xi mod interpellaw lil Ivan Farrugia lli jinghataw lura flushom minghandu, b'xi mod anke jekk mhux b'att formali. Li taf din il-Qorti li kienet sehhet glieda. Dan fil-fehma tal-Qorti ghalkemm kien indikattiv ta' vertenza animata bejn il-partijiet pero certament mhux il-forma li trid il-ligi biex ikun soddisfatt dan is-sub inciz. Pero' nkontri bejniethom jidher li saru zgur.

It-tieni talba mressqa ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti hija dik mahsuba taht is-sub inciz (d) ta' l-artikolu 836(8). Ir-rikorrenti isahhah l-argument tieghu f'dan ir-rigward minhabba l-fatt li l-intimati ghazlu li jinforzaw kontrih proceduri arbitrali meta hu personalment ma kienx marbut bihom. Fil-fatt kif gia rajna l-lodo preliminari eskluda li kellu gurisdizzjoni fejn jirrigwarda t-talbiet diretti lejn ir-rikorrenti Farrugia.

Pero nsibu varji decizzjonijiet moghtija f'talbiet simili li jistabilixxu l-principju illi l-falliment ta' talba ma ggibx maghha l-imposizzjoni ta' penali. Biex jirnexxi dan is-sub inciz irid jintwera li kienet talba ta' att kawtelatorju li saret b'malizja, li kienet frivola jew vessatorja. Fil-fatt il-Qorti ma hiex tal-fehma li r-rikors lejn l-arbitragg kellu dawn l-elementi; kienet triq legali miftuha ghal intimati ezekutanti skont kif huma interpretaw il-ftehim arbitrali. Lanqas ma tqies li ghandhom jigu puniti ghax damu certu zmien ttelghu l-provi.

Kif gia nghad fil-kors ta' dawn il-proceduri l-ezekutanti hargu d-debita kontra mandat a favur ir-rikorrenti minhabba d-decizzjoni preliminari ta' l-arbitru. Ir-rikorrenti tramite l-abbli difensur tieghu fis-sottomissjonijiet insista fuq l-imposizzjoni tal-penali ukoll a bazi tal-fatt li l-ezekutanti nonostante li kienu konsapevoli li kienet tlestiet is-sentenza preliminari tal-arbitru u ghaliex skont l-ezekutat Farrugia, l-intimati hassew lir-rikorrenti kien se jigi liberat minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni, ghazlu li ma jhallsux l-istess lodo preliminari dan cioe' nonostante li kien hemm is-sekwestru kawtelatorju in vigore kontrih. Jargumenta ir-rikorrenti ezekutat li l-mandat f'dan l-istadju kien inzamm biss in vigore biss biex jivvessah.

Il-Qorti hawn tasal biex taghti ragun dan is-sentiment espost mir-rikorrenti talli l-intimati kaxkru saqqajhom biex ihallsu l-ispejjez arbitrali meta kellhom a favur taghhom att kawtelatorju kontra d-debitur. Pero' din hija talba li tressqet lilha mhux fir-rikors promutur li ghalih wiegbu r-rikorrenti, imma biss fi stadju ta' sottomissjoni. Allura il-Qorti mhux se tikkonsidra l-istess bhala talba formali maghmula fir-rikors in ezami.

Dwar in-natura tal-penali rikjesta nsibu fil-kawza fl-ismijiet **Avv. Nicholas Valenzia noe vs Hermes Aviation Limited P.A. 17.2.15**

"*7)* ***L-Art 836(8) tal-Kap 12***

*L-ewwel parti tad-disposizzjoni taqra hekk :-*

*Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju …*

*Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet :* ***"Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)"*** *: ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group*

*Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)"* *il-Qorti qalet hekk dwar* ***l-Art 836(8)*** *tal-Kap 12 :-*

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż".*

Tenut kont ta' dan it-taghlim hija l-fehma ta' din il-Qorti li certament m'ghandhiex timpunixxi lir-rikorrenti talli ghazlu it-triq ta' arbitragg kontra l-intimat Ivan Farrugia, nonostante li forsi *icto oculi* kien jidher ghalih daqstant ovvju lit-talba hawn kienet se tfalli. Ghalkemm mandat kawtelatorju intiz biex jassigura pretensjoni stabbilita, igorr mieghu certu pizijiet u limitazjonijiet xejn pjacevoli fuq id-debitur, dana wahdu pero ma jgorrx penali.

Mandat kawtelatorju mahrug bi pretensjonijiet gusti la jgorr mieghu u wisq anqas jinkorri ebda sanzjoni. Huwa permess u desiderat fil-ligi li kreditur jassigura esekuzzjoni tat-talba tieghu jekk din tirnexxi. Qajla hemm skop ghalija kieku dan ma kienx il-kaz. Del resto lanqas att kawtelatorju ma jgorr punizjoni jekk maghmul skont il-ligi u b'animo gust pero't-talba li fuqu jistrieh tfalli.

Ma jistax pero' tali att jintuza b'mod kapriccuz u abbuziv. Anzi huwa rikjest, ghax propju n-natura tieghu hija wahda restrittiva fuq id-debitur, li jintuza b'kawtela u ghaqal. Ghalkemm kif suriferit il-glieda msemmija minn Dr. Grima bejn il-partijiet mhux prova ta talba ghal hlas, pero ghalkemm il-Qorti tirritjeni dan, isibha difficli li temmen li fl'inkontri animati li kien hemm bejn il-partijiet fuq din il-lanjanza, ir-rikorrenti Farrugia ma kienx konnxju tal-fatt li l-intimati ezekutanti kienu qed jippretendu minghandu ir-radd lura ta' flushom, dan ciononostante jekk tali talba tirrizultax valida u/ jew pruvata. Dik hi kwistjoni li ghandha tigi determinatata fir-rikors guramentat appositu.

Ghaldaqstant din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi tichad it-talbiet. Kull parti tbati l-ispejjez minnha inkorsi

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**